Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Numru 26/2003

**Illum 6  ta' Frar, 2004.**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Neil Harrison)**

**vs**

**Darren Hansford ta' 23 sena,**
**Imwieled Pieta', bin David u Antoinette**
**Nee Camilleri, residenti Blok B, Door 1, Flat 9,**
**Triq Sir Ugo Mifsud, Lija u detentur tal-karta tal-**
**idenita' numru 64680 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Darren Hansford li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-13 ta' Frar, 2003 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data
(a) talli kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta me kienx fil-pusess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispoizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma' kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis bi ksur tal-artiklu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din l-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Illi l-akkuzat Darren Hansford gie prezentat fl-4 ta' Marzu, 2003. Illi l-istess Hansford kien ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fl-interrogatorju.

Illi l-Qorti kienet in vista ta' l-ammissjoni laqghet it-talba ghal pre-sentencing report u dan anke bil-hsieb li l-akkuzat jitqieghed go programm ghar-riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga. Inghata wkoll il-helsien mill-arrest taht kundizzjoni li jsegwi ghal kollox id-direttivi ta' l-istess probation officer bl-intiza li hu jsegwi tali programm.

Minn hawn l-hemm l-akkuzat hadna f’karrellata ta’ mood swings ta’ meta hu jidhirlu li kien dispost jibda l-istess programm. Saru, kif jidher mill-atti processwali, diversi tentattivi li hu jibda u jkompli programm b’success, anke tenut kont tal-fatt li kien anke qed juri tendenzi suwicidali.

Mhux talli hekk, pero’ l-istess akkuzat ma ha qatt vantagg mill-opportunita’ (diversi) li lilu gew moghtija anzi wasal biex dahhal f’inkwiet akbar lill-partner tieghu u terga’ u tghid f’wiehed aktar serju lil ommu. Oltre dan kollu l-istess Hansford ghazel li johrog mill-programm u di piu’ spicca l-isptar fil-periklu tal-mewt kagun ta’ overdose meta hu ghazel li jisplittja mill-programm.

Illi fil-fatt Darren Hansford litteralment ma gharafx jipprevalixxi ruhu mill-opportunitajiet lilu moghtija anzi wera attitudni mill-aktar arroganti fejn anke ppretenda li kellu dritt jiddetta anke lill-Qorti meta u kif ghandu jaghmel programm.

Ghaldaqstant qed issibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-artikolu 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat l-artikolu 22(2)(b) u tikkundannah ghal tnax-il xahar piena karcerarja u mitejn lira Maltin (Lm 200) multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------